MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 54/2014

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta:

1. Illi b'dan ir-rikors ir-rikorrent qed jitlob id-divorzju jew il-hall taz-zwieg skont kif inhu mahsub Sub-titolu IV Titolu I tal-Ewwel Ktieb tal-Kap. 16;
2. Illi l-partijiet izzewgu fl-21 ta'Settembru 1991;
3. Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt datat 23 ta'Awwissu 2005 fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri liema kuntratt u supplimenti ghalih qeghdin jigu markati PM01 u PM02 u esebiti animo ritirandi;
4. Illi l-partijiet ma ghadtx fadallhom possibilita' jew tama ta' rikonciljazzjoni;
5. Illi manteniment dovut ai termini tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni dejjem thallas u ma baqa ebda pendenza;
6. Illi fid-data odjerna l-partijiet ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodu li jammonta ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedent, u ghaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni;
7. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
8. Illi l-intimat u wlieda qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkostanzi partikolari, kif hemm mahsub fl-artikolu 57 tal-Kap. 16;
9. Illi l-partijiet ilhom separati ferm aktar minn 4 snin tant illi l-kuntratt ta' separazzjoni gie publikat disgha snin ilu;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ai termini tal-artikoli 66A u 66B u Sub-titolu IV Titolu 1 tal-Ewwel Ktieb tal-Kap. 16 tal-Kodici Civili, tghaddi biex tippronunzja l-hall taz-zwieg ossija divorzju bejn il-partijiet;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha teccepixxi :

1. Illi l-istess esponenti ma topponix ghall-ottjeniment tad-divorzju kif mitlub mir-rikorrent stante li jigi rispettat l-obbligu tal-manteniment a favur it-tfal mill-istess rikorrent;
2. Illi fir-rigward tat-tifel Matthew Meli, ghandu jithallas il-manteniment sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena (23) sakemm ilesti l-edukazzjoni terzjari u/jew isib xoghol skont liema minnhom tigi l-ewwel ai termini tal-Artiklu 3B (2)(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Illi fir-rigward tal-minuri Michaela Meli, il-manteniment ghandu jithallas sa tmintax-il sena (18) meta taghlaq l-eta' maggorenni

u/jew tibda tahdem, skont liema tigi l-ewwel. F'kaz illi il-minuri tiddeciedi li tattendi edukazzjoni terzjarja, il-manteniment jibqa' jithallas sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena ai termini tal-Artikolu 3B (2)(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi ir-Registratur tal-Qorti ghandu jara li l-istess sentenza ta' divorzju tigi registrata mad-Direttur tar-Registru Pubbliku ai termini ta' u fil-perjodu kif impost mil-ligi;
5. Salv risposti ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Marzu, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Awissu 2005;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi il-Qorti rat illi ma tistax tilqa t-talba tal-intimata u tiddikjara illi ir-rikorrenti ghandu jibqa jhallas il-manteniment sa mat-tfal jilhqu l-eta ta' 23 sena jekk jaghzlu li jibqghu jistudjaw fuq bazi full time peress illi f'dan

il-kaz ghandhom ikunu l-istess tfal li jipprocedu kontra il-missier u mhux l-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------